




INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

Kif jinġabru d-dikjarazzjonijiet
ta' appoġġ



TGĦALLEM – IDDISKUTI – IKKONNETTJA – FITTEX PARIR

| WERREJ

¶arsa ġenerali	3
Il-ġbir tal-frem fuq formola stampata	5
Il-ġbir tal-frem online	7



1

Ħarsa ġenerali

Il-mira hi li jinġabru tal-anqas miljun firma, inkluż numru minimu tal-anqas f'seba' Stati Membri, fi **12-il xahar**. Bħala organizzatur, se jkollok **6 xhur** mid-data tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva tiegħek biex tiddeċiedi meta tibda l-ġabra ta' sena ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kemm fuq **formoli stampati u/jew online**. Jeħtieġlek tinforma lill-Kummissjoni bid-data magħżula tal-anqas **10 ijiem ta' xogħol** qabilha.

Il-firmatarji jeħtieġu jkunu ċittadini tal-UE (ċittadini tal-Istati Membri) u għandhom biżżejjed età biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (l-età ta' 18 sena ħlief għall-Awstrija, Malta u l-Greċja) - sakemm l-Istat Membru ma jkunx iddeċieda li jbaxxi l-età minima għall-firmatarji għal 16 u jkun informa lill-Kummissjoni dwar dan.


| Il-formoli tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ

Bħala organizzatur ta' inizjattiva, għandek tuża **formoli speċifiċi** li jikkonformaw mal-mudelli għad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, u li jinkludu l-informazzjoni rikjesta kollha dwar l-inizjattiva proposta. Dik l-informazzjoni għandha tkun eżattament l-istess bħall-informazzjoni dwar l-inizjattiva proposta ppubblikata fuq is-sit web tar-reġistrazzjoni uffiċjali tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Fil-każ ta' reġistrazzjoni parzjali, il-formoli jridu jinkludu wkoll l-ambitu tar-reġistrazzjoni kif deskritt fid-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni.

L-organizzaturi jistgħu jiġbru d-dikjarazzjonijiet fi kwalunkwe Stat Membru, bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE.

| Rekwiżiti tad-data

Iċ-ċittadini li jixtiequ jiffirmaw inizjattiva se jintalbu jipprovdu xi data personali fil-formoli.



Għal kull firmatarju, l-informazzjoni li ġejja hi meħtieġa: nazzjonalità; isem sħiħ u kunjom kif ukoll, skont l-Istat Membru:

jew

- indirizz postali sħiħ u d-data tat-twelid (Parti A tal-Anness III)

jew

- numru ta' identifikazzjoni personali u t-tip tan-numru/tad-dokument (Parti B tal-Anness III).

Li-ċittadini kollha tal-UE jistgħu jiffirmaw inizjattiva irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom.

Dawn ir-rekwiżiti tad-data jistgħu jagħmlu l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ xi drabi kumplikati. Bħala organizzatur, tinsieix:

1. Tħarreġ is-sħab li qed jgħinuk tiġbor id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ – kun ċert li huma jafu r-regoli kollha li jikkonċernaw ir-rekwiżiti differenti u meta firma titqies valida.
2. Dejjem iġbor aktar minn miljun firma f'każ li xi wħud jitqiesu li huma invalidi – pereżempju, 10% żejda.

Għalkemm l-organizzaturi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma meħtieġa skont ir-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej biex jiżguraw li l-protezzjoni tad-data tkun kompletament assigurata, għandek tqis ukoll li f'xi pajjiżi, il-firmatarji jistgħu joqogħdu lura milli jipprovdu d-data personali kollha meħtieġa minħabba li huma inkwetati li d-data tagħhom se tintuża f'ħażin jew saħansitra tiġi mibjugħa.

Meta tiġbor d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, għandek:

1. Taċċerta li ċ-ċittadini jafu li l-privatezza tad-data tagħhom tittieħed b'mod serju, pereżempju billi jiġu spjegati r-regoli tal-protezzjoni tad-data u li s-sistema online għandha tkun konformi ma' standards ta' sigurtà għoljin ħafna.
2. Tispjega li-ċittadini l-importanza li jimlew il-formola b'mod komplet – jekk iħallu barra informazzjoni, id-dikjarazzjoni ta' appoġġ tagħhom ma tkunx aċċettata.

[Aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data.](#)



Tinsieix!

- Ċittadin jista' jiffirma dikjarazzjoni ta' appoġġ għal inizjattiva darba biss.
- L-organizzaturi jridu jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar in-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura f'kull Stat Membru mill-anqas kull xahrejn matul il-perjodu ta' ġbir; ladarba jintemm il-perjodu ta' ġbir, l-organizzaturi għandhom massimu ta' 3 xhur biex jikkomunikaw lill-Kummissjoni n-numru finali ta' firem għall-pubblikazzjoni fir-reġistru.

2

Il-ġbir tal-firem fuq formola stampata

L-organizzaturi tal-inizjattiva għandhom jiffokaw fuq il-ġbir ta' firem mhux biss online iżda wkoll offline. Uħud mill-inizjattivi rnexxielhom jiġbru ammonti numerużi ta' appoġġ permezz ta' kampanji wiċċ imb wiċċ.

Filwaqt li l-mod l-aktar effiċjenti għall-iffirmar hu dak online, għandu mnejn ikun biss possibbli li jintlaħqu ċerti firmatarji offline, f'avvenimenti, f'konferenzi jew fil-bini ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ.

Dawn huma xi rakkomandazzjonijiet għal ġbir ta' firem fuq formola stampata:

| Uża l-formola t-tajba

Sabiex tiġbor id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ fuq formola stampata, kun ċert li tuża l-formola speċifika tal-Istat Membru li l-firmatarji jiġu minnu (jiġifieri l-pajjiż tan-nazzjonalità). Hemm żewġ modi li tista' ttipprepara biex tagħmel dan: (1) Tista' tiegħu l-formoli direttament jew fil-Parti A jew inkella fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament u tikkompletahom qabel ma tgħaddihom liċ-ċittadini; jew (2) Tista' tuża l-formoli personalizzati għal kull pajjiż disponibbli fil-"kont ta' organizzatur" tiegħek fis-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Iddawnlowdja dawn il-formoli mimlija minn qabel billi tagħżel il-pajjiż, sabiex il-formola rilevanti tiġi ġġenerata (Parti A jew B tal-Anness III) u l-lingwa tal-formola.

It-tieni opzjoni hi rakkomandata, billi l-formola mimlija minn qabel se tippermettitek tifhem liema tip ta' data ċ-ċittadini minn Stati Membri differenti jeħtiġilhom li jipprovdu meta jiffirmaw l-inizjattiva tiegħek.

Kull formola tinkludi l-Istat Membru li fih se tkun qed tintbagħat għal verifika, u ftakar: **iċ-ċittadini jistgħu jiffirmaw inizjattiva biss permezz tal-formola tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom!**



| Ipprepara l-formoli ggwidati tiegħek

Peress li formoli stampati jistgħu jkunu diffiċli li jintużaw, għandek taħseb dwar modi biex b'mod attent u ċar tiggwida liċ-ċittadini huma u jimlew il-formola mingħajr ma jħallu barra kwalunkwe informazzjoni li tista' tinvalida l-firma tagħhom.

Pereżempju, tista' żżid fuq wara tal-formola taqsira ta' paġna li tinkludi taqsira tal-inizjattiva, gwida għall-iffirmar, u l-indirizz li fih għandhom jintbagħtu l-formoli ffirmati. L-istampar fuq żewġ naħat jippermettilek li d-deskrizzjoni tkun fuq naħa u l-formola tkun fuq in-naħa l-oħra.

| Tliet suġġerimenti biex jiġu evitati firem invalidi

Hemm tliet affarijiet ewlenin li l-organizzaturi għandhom jiftakru biex jiżguraw li l-formola hi valida:

- Il-firmatarji għandhom jużaw ittri KAPITALI;
- Il-firmatarji għandhom jimlew il-kolonna kollha fil-formola;
- Hu importanti li jiġi indikat b'mod ċar kemm nies jistgħu jimlew formola waħda sabiex jiġu evitati l-iżbalji.



Suġġerimenti

Avveniment jipprovdi opportunità tajba biex jinġabar l-appoġġ għall-inizjattiva tiegħek. Dawn huma ftit suġġerimenti għall-massimizzazzjoni tal-għbir ta' firem fuq formola stampata fl-avvenimenti tiegħek:

- Identifika post speċifiku fl-avveniment li fih il-membri(i) tal-kumitat tal-organizzazzjoni tiegħek jista'/jistgħu jiffoka(w) sabiex jiżgura(w) li ċ-ċittadini jimlew il-formoli stampati b'mod korrett.
- Stampa A3 li tattira l-attenzjoni, biex tattira ċ-ċittadini għall-kawża tiegħek, u formola A3 fuq karta "kampjun" biex tiggwida liċ-ċittadini dwar kif jappoġġjaw l-inizjattiva tiegħek.
- Aċċerta li għandek post sigur fejn taħżen il-formoli mimlijin (eż. spazju ta' ħżin li jissakkar).
- Stampa kartolini jew business cards għal dawk li huma interessati fil-kawża tiegħek iżda li jixtiequ jiffirmaw l-inizjattiva fi stadju aktar tard jew online.



3

Il-ġbir tal-firem online

Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru prinċipalment online. Il-ġbir online hu parti fundamentali fit-tmexxija ta' inizjattiva li tirnexxi.

L-organizzaturi li jixtiequ jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ online jridu jużaw is-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online tal-Kummissjoni..

Dawn huma l-benefiċċji tas-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online:

3. Sistema mingħajr ħlas aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà
4. Data miġbura u maħżuna direttament fis-servers tal-Kummissjoni
5. Possibbiltà li jintbagħtu emails lil dawk li jkunu ħallew l-indirizz tal-email tagħhom għal dak il-għan
6. Appoġġ tekniku u taħriġ offruti mill-Kummissjoni.
7. Sistema li tippermetti li jiġu applowdjati verżjonijiet skenjati tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'formola stampata (fakultattiva)
8. Ebda proċedura ta' ċertifikazzjoni mhi neċessarja.

Madankollu, jekk jogħġbok innota li s-sistema toffri xi karatteristiċi ta' personalizzazzjoni (eż. logo, kulur tal-isfond, links tal-media soċjali, eċċ.) iżda ma tistax iżżid karatteristiċi oħrajn.

